

31982R0052

L 7/11

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

12.1.1982

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) NRU 52/82
tal-11 ta' Jannar 1982**

**li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2182/77 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-bejgħ ta' laħam taċ-ċanga
ffriżat mill-ħażniet ta' intervent għall-ipproċessar fil-Komunità**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella ⁽¹⁾, kif emendat l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni tal-Greċja, u partikolarment Artikolu 7(3) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2182/77 ⁽²⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 983/81 ⁽³⁾, ippreskriva regoli dettaljati ta' implimentazzjoni għall-bejgħ ta' laħam taċ-ċanga ffriżata mill-ħażniet ta' intervent għall-ipproċessar; billi dak ir-Regolament jippreskrivi koeffiċjenti għad-determinazzjoni tal-kwantità ta' laħam bla għadam iffriżat misjub fi kwantità definita ta' priservati tal-laħam;

Billi fil-każ ta' priservati li għandhom 20 % jew aktar u anqas minn 40 % ta' laħam joħroġ fil-prattika li l-kwantità ta' laħam meħtieġ għall-manifattura ta' ċerti prodotti jvarja, għal raġunijiet li fuqhom l-operaturi m'għandhomx kontroll, mill-kwantità li tirriżulta bl-applikazzjoni tal-koeffiċjent preskritt; billi din is-sitwazzjoni qiegħda tikkawża tfixkil għal numru ta' impriżi ta' l-ipproċessar; billi għalhekk jidher li hemm bżonn li jitħalla l-użu ta' proċeduri speċifiċi ta' kontroll;

Billi l-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Laħam taċ-ċanga u Vitella ma tax opinjoni fiż-żmien mogħti mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Is-subparagrafu li ġej huwa għalhekk miżjud ma' Artikolu 1(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2182/77:

“Jekk il-kwantità ta' laħam li hemm bżonn għall-manifattura ta' prodott tat-tip indikat f'1.4 ta' l-Anness hu differenti sew mill-kwantità li toħroġ bl-applikazzjoni tal-koeffiċjent 0;30 speċifikat għal dan it-tip l-awtorità kompetenti tista' taċċetta taħt is-sistema ta' sorveljanza amministrattiva prova individwali tal-kwantità ta' laħam iffriżat meħtieġ biex jiġi manifatturat il-prodott, fil-każijiet fejn dan ikun mitlub mix-xerrej imsemmi fil-paragrafu 1.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' Jannar 1982.

Għall-Kummissjoni

Poul DALSAGER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24.

⁽²⁾ ĠU L 251, ta' l-1.10.1977, p. 60.

⁽³⁾ ĠU L 99, ta' l-10.4.1981, p. 30.